Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-9 ta' Jannar 2025**

**Kump. Nru. 837/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Norbert Gabor Pintye**
**(0183961A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Norbert Gabor Pintye** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0183961A u dokument tar-residenza numru MT8323973.

F' isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzat talli gewwa Lavender Court, Flat 4, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, Malta u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, fl-14 ta' Ottubru tas-sena 2024, f'xi hin bejn nofsinhar (12:00) u s-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (13:30)

1. Minghajr kunsens, ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali, anali jew orali b'organu sesswali, ta' gisem ta' persuna ohra, u cioe' ta' Evelin Szarvas, liema delitt sar fuq il-persuna ta' koabitant, li qieghda tghix mieghu fl-istess dar, u li ghandha tarbija komuni mieghu;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha, u cioe' lil Evelin Szarvas, liema delitt sar bhala mezz biex persuna , u cioe' Evelin Szarvas tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghla xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkawza lil haddiehor u cioe' lil Evelin Szarvas biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzat talli gewwa Lavender Court, Flat 4, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, Malta u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha w ghoxrin (2024), u fil-jiem, gimghat u xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula minnu b'rizoluzzjoni wahda :

4. Ikkonsma d-droga kannabis fi kwalunkwe post, pubbliku jew privat, u cioe' gewwa r-residenza hawn fuq imsemmija, fil-prezenza ta' persuna taht it-tmintax (18) -il sena, u cioe' ta' ibnu Oliver Robert Pintye, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna, u cioe' ibnu, ghandu anqas minn tmintax (18) -il sena, u dan bi ksur tas-sub-inciz 4, tal-artikolu 4A, tal-Att dwar dipendenza fuq id-Droga (Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta).

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll tordna li s-sentenza tigi notifikata lir-Registratur hekk kif kontemplat fl-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittmi imsemmija kif ukoll ghall-familjari taghhom.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-artiklu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-*parte civile* Evelyn Szarvas fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2024, irrinunzjat ghal dak kollu rinunzzjabbli u talbet sabiex il-kawza odjerna titwaqqaf.

Semghat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-12 ta' Dicembru 2024, il-*parti civile* tenniet illi hi qed tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli u qed titlob sabiex dawn il-proceduri jitwaqqfu ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-istess seduta Dr Darlene Grima ghar-Repubblika ta' Malta ma sabitx oggezzjoni ghal tali talba.

Rat l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkunsidrat illi huwa fl-ahjar interess ta' l-istess *parte civile* Evelyn Szarvas u l-minuri iben il-partijiet, illi dawn il-proceduri ma' jitkomplewx.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara Procediment Ezawrit.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat